MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2017

Rikors Maħluf Numru 678/15LM

**Wasteserv Malta Limited (C 30560)**

***vs.***

**David Pace (K.I. 475573M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-13 ta' Lulju, 2015 mis-soċjetà attriċi **Wasteserv Malta Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), u maħluf minn Tonio Montebello, debitament awtorizzat, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-intimat jarmi skart u materjal f'siti operati mis-soċjetà attriċi;*
2. *Illi l-konvenut huwa debitur tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' tmintax-il elf, erba' mija u ħamsa u sittin euro (€18,465.00) liema somma tirrappreżenta ħlas dovut mill-intimat għal servizz ta' rimi u depożitu ta' skart u materjal fil-faċilitajiet*

*immexxija mis-soċjetà rikorrenti u dan kif jirriżulta mill-prospett anness u mmarkat "Dok. A"*[1]*;*

3. *Illi dan id-debitu hu ċert, likwidu u dovut u ma jikkonsistix fl-eżekuzzjoni ta' fatt u in vista tas-suespost isegwi li t-tabiet tar-rikorrenti huma eżegwibbli kontra l-intimat, anke għaliex sa fejn jaf l-esponenti, il-konvenut m'għandu ebda eċċezzjoni valida x'jissolleva f'din il-kawża;*

*Illi r-raġuni tat-talba hi li l-intimat huwa debitur tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' €18,465.00 liema somma tirrappreżenta ħlas dovut mill-intimat għal servizz ta' rimi u depożitu ta' skart u materjal fil-faċilitajiet imsemmija mis-soċjetà rikorrenti, debitu li hu ċert, likwidu u dovut u ma jikkonsistix fl-eżekuzzjoni ta' fatt u sa fejn jaf l-esponenti, il-konvenut m'għandu l-ebda eċċezzjoni valida x'jissolleva f'din il-kawża u kwindi din il-kawża tista' tiġi deċiża bil-proċedura sommarja speċjali;*

*Għaldaqstant, is-soċjetà rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:*

1. *Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ fit-termini tal-Art. 167 et seq tal-Kap.12;*

2. *Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas is-somma ta' €18,465.00 lis-soċjetà rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt in subizzjoni.*

Rat in-nota ppreżentata fit-12 ta' Novembru, 2015 mill-konvenut **David Pace** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") li tgħid kif ġej:

*"Illi l-intimat jixtieq jużufruwixxi mis-setgħa mogħtija lilu a tenur tal-artikolu 170(1) tal-Kap. 12 sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun f'pożizzjoni prima facie tevalwa jekk l-esponenti għandux eċċezzjonijiet validi x'jagħti sabiex jopponi t-talba rikorrenti:*

1. *Illi s-somma reklamata mis-soċjetà rikorrenti hija pależement preskritta u a tenur tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-intimat qiegħed umilment jinvoka l-artikoli 2148(b) u 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

[1] *A fol.* 5 tal-proċess li jinkludi *statement* li fih hemm 7 fatturi mill-20.10.2010 sal-11.02.2011.

2. *Illi mingħajr kull preġudizzju għas-suespost, l-intimat qiegħed jikkontesta l-istatement mehmuż mar-rikors odjern bħala Dok A bħala skorrett, eżorbitanti u li qatt ma ġie kkonfermat mill-intimat proprio u konsegwentement għandha tinġieb il-prova mir-rikorrenti illi l-vjaġġi addebitati lill-intimat u indikati fl-istatement (i) fattwalment saru u (ii) effettivament saru mill-intimat;"*

Rat id-digriet tagħha mogħti fl-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2015 fejn, wara li qieset illi l-konvenut għandu eċċezzjonijiet x'jintavola, ma laqgħetx l-ewwel talba attriċi biex il-kawża tinstema' bid-dispensa tas-smigħ fit-termini tal-Artikoli 167 *et seq.* tal-Kap. 12, u tat lill-konvenut għoxrin jum għar-risposta maħlufa.

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **David Pace** ppreżentata fl-1 ta' Diċembru, 2015, li biha eċċepixxa:

1. *Illi preliminarjament, is-somma reklamata mis-soċjetà rikorrenti hija pależement preskritta u a tenur tal-artikolu 2111 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-intimat qiegħed umilment jinvoka l-artikoli 2148(b) u 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*
2. *Illi mingħajr kull preġudizzju għas-sueċċepit u fil-mertu, l-intimat qiegħed jikkontesta l-istatement mehmuż mar-rikors odjern bħala "Dok. A" bħala skorrett, eżorbitanti u li qatt ma ġie kkonfermat mill-intimat proprio u konsegwentement għandha tinġieb il-prova mir-rikorrenti illi l-vjaġġi addebitati lill-intimat u indikati fl-istatement (i) fattwalment saru u (ii) effettivament saru mill-intimat;*

*Salv kull eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Ġunju, 2017, fejn fuq talba tal-avukat difensur tal-konvenut, il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' referenzi u l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Permezz ta' din il-kawża, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-konvenut iħallasha s-somma ta' €18,465.00 għas-servizzi li pprovditlu ta' rimi u depożitu ta' skart u materjal fil-faċilitjiet immexxijin minnha. Il-konvenut David Pace li jaħdem fis-settur tal-ġbir tal-iskart, qed jissolleva l-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar taħt l-artikolu 2148(b) u ta' sentejn taħt l-artikolu 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili, apparti li qed jikkontesta l-*quantum* tal-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Is-soċjetà attriċi ppreżentat l-i*statement*[2] li jagħmel riferiment għal sebgħa fatturi li kienu ilhom pendenti aktar minn 120 jum, ċjoè *invoice* numru 1046 datata 20 ta' Ottubru,2010; *invoice* numru 1767 datata 5 ta' Novembru, 2010; *invoice* numri 2469, 3677 u 3764 datati 23 ta' Novembru, 2010; *invoice* numru

[2] *A fol.* 5.

4443 datata 16 ta' Diċembru,2010 u *invoice* numru 6162 datata 11 ta' Frar, 2011.

Xehed **Karmenu Buttigieg**[3], impjegat mas-soċjetà attirċi bħala kollettur tal-flus, *invoices* eċċ, li spjega li għall-bidu il-konvenut kien qed iħallas, però mbagħad il-konvenut kien waqaf iħallas. Ix-xhud ippreżenta l-fatturi separati[4], li juru li l-fatturi fuq imsemmija kienu għal depożitu ta' skart: l-ewwel waħda għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Ġunju, 2010; it-tieni fattura għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Lulju, 2010; it-tielet fattura għall-perjodu mit-2 ta' Awwissu sal-31 ta' Awwissu, 2010; ir-raba' fattura hija għat-23 ta' Settembru, 2010; il-ħames fattura għall-perjodu mill-1 ta' Settembru sad-29 ta' Settembru, 2010; is-sitt fattura għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru sal-15 ta' Ottubru, 2010; u s-seba' fattura għall-perjodu mis-16 ta' Diċembru sal-21 ta' Diċembru, 2010. Ix-xhud Karmenu Buttigieg ippreżenta wkoll kopja tas-*sales ledger transactions*[5] tas-soċjetà attriċi minn fejn jirriżulta illi mis-somma totali ta' €27,284.81 dovuta mill-konvenut lis-soċjetà attriċi, bejn id-19 ta' Jannar sat-13 ta' Awwissu, 2010 kienu saru ħlasijiet mill-konvenut ta' €8,8181.88 u dawn kienu nqatgħu mill-ammonti l-aktar antiki u baqgħu mhux imħallsin l-aħħar seba' fatturi fuq imsemmija, fis-somma ta' €18,465.93.

Is-soċjetà attriċi esebiti wkoll kopji legali ta' żewġ ittri uffiċjali, li kienu saru a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12, l-ewwel ittra uffiċjali datata 16 ta'

---

[3] *A fol.* 25 sa 27.
[4] *A fol.* 29 sa 35.
[5] *A fol.* 36.

Diċembru, 2011[6] u notifikata lill-konvenut fit-3 ta' Jannar, 2012 u t-tieni ittra uffiċjali datata 30 ta' April, 2013[7] u notifikata lill-konvenut fl-4 ta' Mejju, 2013.

Min-naħa tiegħu l-konvenut ipproduċa bħala l-uniku xhud tiegħu lil **Joe Attard**[8], Kap Eżekuttiv ta' żewġ skemi awtorizzati ta' ġbir tal-skart, waħda relatata mal-ippakkeġġjar u l-oħra mal-iskart elettroniku. Ix-xhud spjega li l-ishma prinċipali ta' dawn iż-żewġ skemi kienu tal-General Retailers and Traders Union (GRTU) u kienu jipparteċipaw fihom kuntratturi li joperaw fis-settur tal-immaniġjar tal-iskart u produtturi li jipproduċu l-iskart industrijali u li jiffinanzjaw l-iskemi. Joe Attard jgħid li lill-konvenut jafu bejn l-2008 u l-2010 għax kien membru tas-sezzjoni tal-immaniġġjar tal-iskart tal-GRTU u jafu f'dawk is-snin jiġbor skart organiku minn stabbilimenti kummerċjali bħal lukandi, *bars* u ristoranti partikolarment fil-Punent ta' Malta. Ix-xhud jispjega li dan l-iskart il-konvenut kien imbagħad imur jiddepożitah il-Wasteserv. Attard jikkonferma li l-i*statement,* il-fatturi u l-*ledger* kienu jirrappreżentaw fatturi li kienet toħroġ l-Wasteserv kull xahar u xi kultant anki kull ġimgħa.

## Kunsiderazzjonijiet legali

Fl-ewwel lok l-konvenut qed jeċċepixxi l-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2148(b) u 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili. L-artikolu 2148 jistipula perjodu preskrittiv ta' tmintax-il xahar u s-sub-artikolu invokat mill-konvenut jaqra kif ġej:

[6] *A fol.* 40.
[7] *A fol.* 45.
[8] *A fol.* 55 sa 62.

> "(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut;..."

L-artikolu 2149 jirreferi għall-perjodu preskrittiv ta' sentejn u s-subartikolu invokat mill-konvenut jaqra kif ġej:

> "(a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu;..."

Tqis illi l-konvenut stess bħal donnu ma jafx eżatt liema perjodu preskrittiv għandu japplika għall-każ in eżami, tant li tefa' f'ħoġor il-Qorti l-għażla bejn żewġ artikoli li t-tnejn li huma jirreferu għal relazzjonijiet u termini ta' preskrizzjoni differenti, bit-tama li l-Qorti tasal għall-konklużjoni li għandu japplika xi wieħed minn dawn l-artikoli invokati.

Tqis illi dan l-aġir għandu jekwivali daqslikieku l-konvenut naqas milli jindika l-perjodu preskrittiv applikabbli. L-avukat difensur tal-konvenut jaf ben tajjeb illi fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, jekk ma jiġix indikat b'mod preċiż l-artikolu applikabbli tal-liġi, il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni.

Fi kwalunkwe każ huwa diffiċli li wieħed jifhem kif fil-każ in eżami qed jiġi invokat l-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 li jikkonċerna merkanzija u ħwejjeġ oħra mobbli mibjugħa bl-imnut. Fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Formosa *vs.* Salvu**

**Debono**[9] il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) kellha l-okkażjoni tislet b'mod studjat id-distinzjoni bejn bejgħ bl-imnut u bejgħ bl-ingrossa:

"Fost l-azzjonijiet li huma kolpiti bil-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar (l-artikolu 2148) hemm dik tal-kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra simili mibjugħa bl-imnut (li jista' wkoll jinkludi ġebel). Il-ġurisprudenza tagħna tagħti kriterju direttiv biex wieħed jiddistingwi bejn grossista u dettaljatur u dan hu illi filwaqt li l-grossista aktarx ibiegħ lil min jikkumerċja fil-ħaġa, id-dettaljatur ibiegħ aktarx lill-konsumatur u fi kwantitajiet żgħar miżurati fil-bżonn tal-istess konsumatur, jiġifieri illi kummerċ bl-imnut jikkonsisti fir-rivendità f'partiti żgħar ta' merċi jew derivati lil tal-ħanut jew minutant li jixtri mingħand negozjant. Jidher ċar illi bil-kelma bl-imnut, il-liġi tikkontempla lil dawk kollha kummerċjanti jew le li jbigħu oġġetti ta' konsum ta' kuljum tant lil min hu kummerċjant kemm lil min mhux." (**Vol. XLV.iii.811**)

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Giuseppe Borg *vs.* Dr. Giovanni Bonello *et. nomine*** deċiża fis-26 ta' Ġunju, 1970 irriteniet illi kuntrarjament għal-liġi Taljana u Franċiża, il-liġi Maltija ma kenitx tibbaża d-distinzjoni bejn bejgħ bl-imnut u bejgħ bl-ingrossa fuq jekk min jixtri kienx jew le jinnegozja fl-oġġett minnu mixtri. Il-ġurisprudenza però kienet issuplimentat għal dan is-silenzju u kienet tikkonsidra l-grossist bħala wieħed li *"per lo più vende a coloro che commerciano nella cosa comprata"* filwaqt li kienet tikkonsidra lill-minutant bħala dak li *"vende per lo più ai consumatori e in piccole quantità misurate dal bisogno di costoro*". (**Vol. XIII.294**).

Ġie ritenut ukoll:-

"Il-kwistjoni distintiva fondamentali tal-bejgħ bl-ingrossa u dak bl-imnut …… jidher li fil-fatt jirrisjedi fil-kwantitattiv mibjugħ. Jekk il-kwantitattiv tal-partita ikun fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u anke miżurat mill-bżonn tax-xerrej żgħir, allura l-bejgħ ikun bid-dettall."

Fil-każ taħt eżami, kien ovvju illi l-kwantità akkwistata matul il-perjodu kien wieħed rilevanti kif jista' jiġi wkoll stabbilit mill-valuri li jirrappreżentaw il-prezz tal-ġebel mibjugħ, apparti wkoll il-fatt illi

[9] 05.10.2001.

> jirriżulta provat illi l-konvenut akkwista l-ġebel biex jimpjegah f'diversi kostruzzjonijiet minnu magħmula. Din il-Qorti hi allura sodisfatta illi hawn si tratta ta' bejgħ bl-ingrossa u mhux bl-imnut u konsegwentement il-preskrizzjoni applikabbli kienet ċertament dik indikata mill-appellat attur fir-risposta tal-appell tiegħu u ċjoè s-subinċiż (f) tal-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili."

Illi l-konsenja ta' skart minn operaturi tal-ġbir ta' skart issir fi kwantitajiet kbar bl-i*scammels* u ċertament dan mhuwiex każ ta' konsenja bl-imnut. Iżda aktar minn hekk, il-każ odjern mhuwiex dwar konsenji ta' oġġetti jew merkanzija, iżda għall-kuntrarju huwa dwar servizzi ta' rimi u depożitu ta' skart. Dak li ġie pprovdut mis-soċjetà attriċi lill-konvenut ma jistax jiġi ekwiparat ma' konsenja ta' merkanzija 'l għaliex kien servizz ta' depożitu ta' skart u għaldaqstant l-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 ma japplikax għall-każ odjern.

Tqis illi lanqas m'għandha tapplika l-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 invokata wkoll mill-konvenut, 'il għaliex is-soċjetà attriċi ma kinitx qiegħda taġixxi bħala bennejja ta' bastiment jew bħala kuntrattur ta' bini ieħor jew ta' xogħlijiet oħra għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu. It-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli f'każ bħal dan huwa dak ta' ħames snin kif previst fl-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16, li japplika għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa' taħt preskrizzjoni iqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku. Il-Qorti però hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni speċifika sollevata mill-konvenut u ma tistax *ex officio* tagħti effett għall-preskrizzjoni li ma tkunx ġiet eċċepita mill-parti interessata.[10] Il-Qorti ma tistax minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv ieħor[11], għaliex jekk

[10] Ara l-artikolu 2111 tal-Kap. 16.
[11] **Stencil Pave (Malta) Ltd *vs.* Dr Maria Deguara *noe,*** P.A., 30.10.2003.

isir dan, il-Qorti tkun qeigħda tindaħal u "tissupplixxi għall-parti eċċipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tieħu inizjattiva".[12]

Imma għas-sens ta' kompletezza għandu jingħad illi l-aktar kreditu antik tas-soċjetà attriċi kien għal depożitu ta' skart li sar mill-konvenut fl-1 ta' Ġunju, 2010. Il-preskrizzjoni ġiet interrotta darbtejn b'ittri uffiċjali.[13] L-aħħar notifika kienet fl-4 ta' Mejju, 2013, filwaqt li l-kawża odjerna ġiet ippreżentata fit-13 ta' Lulju, 2015 u ġiet notifikata lill-konvenut fit-8 ta' Ottubru, 2015, u għalhekk ċertament entro l-perjodu preskrittiv ta' ħames snin.

It-tieni eċċezzjoni tal-konvenut hija fis-sens li s-somma mitluba mis-soċjetà attriċi hija skorretta u eżorbitanti u talab li ssir il-prova tal-vjaġġi addebitati u li effettivament saru mill-konvenut.

Tqis illi s-soċjetà attriċi effettivament ressqet il-provi rikjesti permezz tad-dokumenti li ppreżentat u li ġew ikkonfermati bil-ġurament tal-impjegat responsabbli mill-ħruġ ta' *invoices*. Fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, li min jallega jrid jippruvah hu dak li jallega, ossija *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12, is-soċjetà attriċi trid għalhekk tipprova t-talba tagħha kwantu għal ħlasijiet dovuti lilha. Min-naħa tiegħu l-konvenut jekk qiegħed jallega in eċċezzjoni li l-ammont hu eżaġerat u li saħansitra ma jirreferix għal konsenji li għamel hu, allura sta għalih li jattakka l-fatturi ppreżentati. Però jibqa' l-fatt li dan ma sarx u tibqa' biss l-

[12] App. Ċiv. 110.5.1956, **Cali *vs.* Galea (Kollez. Vol: XL.i.166)**.
[13] *A fol.* 40 u 45.

insinwazzjoni tal-konvenut li l-ammonti mitluba mis-soċjetà attriċi huma eżaġerati.

Però l-Qorti trid tikkonsidra eċċezzjonijiet fuq punti fattwali, fuq provi li jrid jipprovdihom l-konvenut u mhux toqgħod biss fuq sempliċi insinwazzjonijiet. Imma l-konvenut David Pace ma ressaq ebda provi għajr lil Joe Attard kap eżekuttiv ta' żewġ skemi ta' maniġġar ta' skart immexxija mill-GRTU, li xehed kif kienet taħdem b'mod ġenerali l-iskema, iżda ma daħalx fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet f'din il-kawża. Fil-kamp ċivili meta ikun hemm kuntrast bejn il-verżjonijiet jingħad:

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."[14]

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Gunju, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c. *noe vs*. Victor Sammut** irreteniet illi:

> "F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli

[14] **Carmelo Farrugia *vs*. Rokku Farrugia**, P.A., 24.11.1966 *per* Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran.

għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta' verżjonijiet li jesisti f'din il-kawża għandu jiġi eżaminat liema waħda mit-teżijiet konfliġġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi eżaminat jekk xi waħda mill-verżjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jeżistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista' jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi eżaminat ukoll jekk jeżistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli."[15]

Illi fil-fatt fis-sentenza **Brigitte Vella *pro et noe vs.* Richard Vella**[16] ġie ritenut li:

"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "*bona fide*" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".

[15] Ara ukoll **Dr. Elizabeth Vella M.D. *vs.* Bieb Bieb Limited *et.***, P.A., 09.12.2011.
[16] Q.A., 05.10.2001.

Din il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi**[17] fejn ingħad illi:

"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:

a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio),* sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara **Vol. XLVI, P.i, p.5**.

b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta – Ara **Vol. XXXVII, P.i, p.577**;

ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti abbażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni –

[17] App. Inf., 12.04.2007.

> Ara b'eżempju **Ramchand Kilumal** ***noe vs.*** **Jessie Blanco** – App. 30 ta' Ġunju, 1912, Kollez. Vol. XXIV. P.i, p.104."

Fl-aħħar nett fis-sentenza fl-ismijiet **Lawrence u Anthony Fino** ***pro et noe vs.*** **Joseph u Charles Fino**[18] jingħad illi:

> "Kif tajjeb għalhekk ġie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza in re: **Enrico Camilleri** ***vs.*** **Martin Borg**, mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b'deċiżjonijiet simili in re: **E Zammit** ***vs.*** **Petrococchino**, Qorti ta' l-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u **Paul Vassallo** ***vs.*** **C. Pace**, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu, 1986),"Il-ġudikant fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet".

Ikkunsidrati l-provi li tressqu mill-partijiet f'din il-kawża fid-dawl tal-insenjamenti mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, tqis illi s-soċjetà attriċi rnexxielha tipprova l-kreditu dovut lilha mill-konvenut u illi l-konvenut ma rnexxilux iġib provi kuntrarji, anzi prattikament ma ressaq provi ta' xejn.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut David Pace;**

---
[18] Q.A. (Sede Superjuri) datata 24.09.2004.

**2. Tilqa' t-tieni talba tas-soċjetà attriċi Wasteserv Malta Limited u tikkundanna lill-konvenut David Pace jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmintax-il elf, erba' mija u ħamsa u sittin Euro (€18,465.00) għal servizzi ta' rimi u depożitu ta' skart u materjal fil-faċilitajiet immexxija mis-soċjetà attriċi;**

**Bl-imgħaxijiet kummerċjali mid-dati meta l-ħlas ta' kull waħda mis-seba' fatturi msemmija kienu dovuti u bl-ispejjeż kontra l-konvenut.**

Moqrija.